15 ta' Diċembru, 1951.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Alfred Tonna *versus* John Maria Pirotta et.

**Ċessjoni — Eskussjoni tad-Debitur — Garanzija tas-Solvibilità — Art. 1562 tal-Kap. 23.**

*Meta fl-att taċ-ċessjoni, li saret bil-garanzija ta' l-eżiġibilità tal-kreditu, ma jkunx sar ftehim fis-sens li ċ-ċedent għandu jħallas għad-*

*debitur jekk dan ma jħallasx fuq sempliċi talba, iċ-ċessjonarju għandu l-ewwel jimxi kontra d-debitur qabel ma jdur kontra ċ-ċedent.*

*Fis-sistema malti dan il-prinċipju jibqa' jseħħ avvolja jsiru provi ta' l-insolvenza tad-debitur u jiġi pruvat li, jekk isiru proċeduri kontra tiegħu, isiru spejjeż inutili.*

*Lanqas jiswa biex jitħeroqu dan il-prinċipju l-fatt li d-debitur ikun ċitat fl-istess kawża maċ-ċedent; għaliex l-eskussjoni tad-debitur trid tkun preventiva, u mhux kontestwali maċ-ċitazzjoni taċ-ċedent; u sempliċi ċitazzjoni ma hix eskussjoni preventiva.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur ippremetta illi fl-attijiet tan-Nutar Emmanuele Agius tat-18 ta' Mejju 1951 (dok. A), il-konvenut Pirotta ċedielu kreditu ta' £300 bil-prezz ta' £280, liema kreditu l-imsemmi Pirotta kien xtara minn għand Carmelo Grima, li kellu jieħu l-istess ammont minn għand Edwin Bartolo; illi l-imsemmi Pirotta ggarantielu r-realtà u l-eżeġibilità ta' l-istess kreditu; illi hu sab, kif jiġi pruvat, li dan il-kreditu ma jistax jeżiġih minn għand Edwin Bartolo; u talab li, premessa kwalunkwe neċessarja dikjarazzjoni u provvediment opportun, u prevja, okkorrendo, id-dikjarazzjoni li dan il-kreditu huwa ineżiġibili, il-konvenuti jew min minnhom jiġu kundannati jħallsuh is-somma ta' £300 kif lilu ċeduta mill-konvenut Pirotta fl-imsemmija attijiet tan-Nutar Emmanuele Agius. Bl-imgħax legali mill-ġurnata taċ-ċessjoni, ċjoè mit-18 ta' Mejju 1951, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' l-impediment tas-safar ta' l-24 ta' Settembru 1951 u ta' l-ittra uffiċjali tal-24 ta' Settembru 1951, kontra l-konvenuti interpellati għas-subizzjoni;

***Omissis:***

Ikkunsidrat;

Fuq l-ewwel preġudizzjali;

Skond l-art. 1562 Kap. 23, Ediz. Riv., iċ-ċessjonarju għandu jimxi ("proceed" fit-test Ingliż, "agire" fit-test Taljan antik) kontra d-debitur "qabel" ma jdur kontra ċ-ċedenti, barra minn meta jkun ġie miftiehem illi ċ-ċedent għandu jħallas fuq sempliċi talba;

Fil-kuntratt fol. 4 ma sarx dan il-ftehim li ċ-ċedent għan-

du jħallas fuq sempliċi talba, u għalhekk l-eċċezzjoni ma hix applikabili fil-fattispeċje;

Id-difensur ta' l-attur osserva fid-dibattitu orali li jekk isiru proċeduri eżekutivi kontra d-debitur Bartolo, isiru spejjeż inutili, għaliex dana Bartolo hu insolventi, u li għalhekk biżżejjed isiru l-provi ta' l-insolvenza. Issa din l-osservazzjoni ma hix aċċettabili fis-sistema tal-Liġi Malt'ja, għaliex f'din il-liġi hemm l-artikolu espress fuq ċitat — ċirkustanza deċiżiva li ġiet bla raġun trasandata f'xi sentenza nostrali. Il-kommentaturi tal-liġi Taljana, bħal, per eżempju, ir-Ricci (Vol. VII, pag. 509), igħidu li biżżejjed li tiġi pruvata bi kwalunkwe mod l-insolvenza tad-debitur, mingħajr il-bżonn li jsiru attijiet ta' eżekuzzjoni dispendjużi u inutili. Imma dan jista' jingħad taħt is-sistema tal-liġi Taljana u Franċiża; għaliex ma hemmx artikolu simili għal dak tal-kodiċi nostrali. Kommentaturi oħra, bħal Marcadè u Pont, avvolja l-liġi Franċiża, bħal-liġi Taljana, ma għandhiex dispożizzjoni simili għal dik tal-Kodiċi Malti, igħidu li ċ-ċessjonarju jista' jirrivolġi ruħu kontra ċ-ċedent bla ma jiddiskuti qabel lid-debitur ("senza obbligo di discutere prima il debitore") meta ċ-ċedent ikun obliga ruħu li jħallas hu stess, jew li jħallas wara sempliċi intima lid-debitur, jew bla intima malli jiskadi d-debitu. Imma, meta ma jkunx hemm dan il-ftehim, allura "il cessionario non potrebbe procedere contro il cedente se non dopo discusso il debitore..............." (comm. art. 1695, pag. 373). Dawn l-awturi jiċċitaw awtur ieħor, il-Loyseau, u deċiżjoni tal-Qorti Franċiża;

Il-leġislatur Malti evidentement ried jittronka kull kwistjoni b'dispożizzjoni espressa; u infatti Sir Adrian Dingli, fl-annotazzjonijiet tiegħu għall-artikolu in parola, allura 1226, issa 1562, qal dawn il-kliem :— "Questo decide una quistione";

Fis-sentenza "Cachia vs. Camenzuli", App. 5 ta' Mejju 1869, sedenti Sir Antonio Micallef, President, u l-Imħallfin Dr. Schembri u Dr. Vella, fejn debitur kien ċeda lill-kreditur tiegħu xi krediti "in solutum", u sar għalhekk ċedent u l-kreditur sar ċessjonarju, ingħad illi l-kreditur (li sar ċessjonarju) ma setax jaġixxi kontra d-debitur (ċedent) qabel ma jkun qabel aġixxa għar-riskossjoni tal-krediti lilu ċeduti (ara wkoll "Camilleri vs. Rotin", P.A. 29. 10. 1917);

L-attur ma ppruvax li hu pproċeda kontra Bartolo "qabel" ma għamel din l-azzjoni, u li eskutih għal ta' xejn;

L-eċċezzjoni għalhekk hi sorretta. Lanqas tiswa l-osservazzjoni l-oħra tad-difensur illi d-debitur Bartolo jinsab ċitat ukoll; u ma tiswiex, għaliex l-eskussjoni għandha tkun preventiva, u mhux kontestwali maċ-ċitazzjoni taċ-ċedent; u sempliċi ċitazzjoni ma hijiex eskussjoni preventiva. Hu notorju li l-art. 1562 fuq ċitat eleva f'liġi pożitiva dak li qabel kien prinċipju tad-dottrina espress bil-kliem "Qui cessum nomen promisit praestare idoneum, non potest convenire ante excussum *debitorem*";

Għalhekk, fil-konfront tal-konvenut Pirotta, l-azzjoni hija intempestiva. Lanqas hi sostenibili proċeduralment l-istanza kontra Bartolo, għaliex il-kawżali tad-domanda hija l-garanzija ta' l-eżiġibilità — liema kawżali hi operativa biss kontra Pirotta;

Għalhekk;

Tiddeċidi billi tillibera ż-żewġ konvenuti "ab observantia". L-ispejjeż jitħallsu mill-attur, ħlief dawk tal-konvenut Bartolo, li jibqgħu a kariku tiegħu.

---

**Tmiem tat-Tielet Parti**
**tal-Volum XXXV.**

---